# AFFIDAVIT

**Illum sebgħa u għoxrin ta' Awissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin.**

**Affidavit ta' Jodie Baldacchino detentriċi tal-karta tal-identita' nru: [redacted], imwielda Pieta` fi [redacted] residenti [redacted] bint [redacted]**

**Jiena, Jodie Baldacchino, *Risk Assessor* fi ħdan is-servizz tad-Domestic Violence Risk Assessment Service tal-Aġenzija Appoġġ, fi ħdan il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali, nixtieq niddikjara l-fatti kif ġraw fil-każ ta' Sra Nicolette Ghirxi [redacted]**

Illi nixtieq niddikjara li nhar It-Tnejn 22 t' April, 2024 għall-ħabta ta' 20:15 is-Sra Nicolette Ghirxi [redacted] irraportat ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fil-Furjana sabiex tagħmel rapport fil-konfront ta' l-eks-sieħeb tagħha. L-eks-sieħeb tagħha huwa is-Sur Edward Johnston [redacted], li fil-mument, kif infurmat lili u l-kull min kien preżenti fil-kamra, kien hemm il-possibiltà li jinsab lil hinn minn Malta, ġewwa l-Irlanda.

Illi, hekk kif titlob il-liġi, jien, Jodie Baldacchino, flimkien mal-kollega tiegħi, Pavel Cuschieri, spjegajna lis- Sra Ghirxi, li la darba hi qiegħda tagħmel rapport ta' Vjolenza Domestika, hi ntitulata sabiex tagħmel *risk assessment* ukoll, li dak iż-żmien (April 2024), kien jintuża id-*DASH risk assessment.* Dan intqal kollox ġewwa s-*shift room* tal-Pulizija, fil-preżenza tal-pulizija li ħadet ir-rapport (PC [redacted]) u s-Surġent (PS [redacted].

Illi kif titlob il-proċedura, hekk kif daħlet is-Sra Nicolette Ghirxi, il-kollega tiegħi Sur Pavel Cuschieri, ukoll Risk Assessor, spjega lis-Sra Nicolette Ghirxi x'jinvolvi r-*risk assessment* waqt li jiena, Jodie Baldacchino, kont qiegħda nipprepara sabiex nibda nikteb in-noti addizzjonali, li jiġu preżentati flimkien mar-*risk assessment.*

Illi wara li Sra Ghirxi dehret li fehmet x'inhu *risk assessment,* dak il-ħin stqarret miegħi u mal-kollega tiegħi, imsemmi hawn fuq, li r-*risk assessment* ma tħossx il-bżonn li għandha tagħmlu.

Biex tiġġustifika din id-deċiżjoni, is-Sra Ghirxi sostniet li r-rapport tagħha kien wieħed ta' *harassment* u insulti.

Illi jien, flimkien mar-*risk assessor* is-Sur Pavel Cuschieri, erġajna spjegajnilha li d-decizjoni hi finalment tagħha, jekk tagħmilx ir-*risk assessment* jew le. Stqarrejna wkoll li jekk hi tiddeċidi li tagħmel ir-*risk assessment,* hi għandha tgħidilna u nkunu nistgħu nibdew b'mod immedjat.

Illi, is-Sra Ghirxi, għal darb'oħra, reġgħet qaltilna li hija ma kinitx qed tħoss li tinsab f'riskju. B'hekk, jien u l-kollega tiegħi, Pavel Cuschieri, erġajna spjegajnilha li anki jekk tbiddel fhemitha iktar tard, nirrakkomandawlha li hi għandha tirritorna ġewwa l-GBDV x'ħin trid, 24 siegħa kuljum, mit-Tnejn sal-Ħadd, sabiex tagħmel ir-*risk assessment.*

Illi, hekk kif inhi l-proċedura normali, peress li s-Sra Ghirxi għażlet li ma tagħmilx ir-*risk assessment,* jien flimkien mal-kollega tiegħi, Pavel Cuschieri, spjegajtilha u pprovdejtilha l-formola stabbilita tar-rifjut tas-servizz. Din il-formola (li tinsab mehmuza) tinkludi spjegazzjoni dwar x'inhu l-assessjar tar-riskju li noffru bħala professjonisti fi ħdan il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali. Fiha, l-allegat vittmi huma mitluba li jimlew id-dettalji personali tagħhom u jispeċifikaw ir-raġunijiet għala qed jagħżlu li ma jagħmlux dan l-assessjar. Dan il-proċess ikun dokumentat fil-preżenza tal-Pulizija.

Illi, is-Sra Ghirxi, imliet hi stess il-formula bil-kliem: ***"Presently, I don't think I am at risk. My report is based on insults and harassment. If anything new comes up, I will report".*** Il-formola ta' Dikjarazzjoni ta' rifjut (li tinsab mehmuza), ġiet iffirmata kemm minni, kif ukoll mir-*risk assessor* Pavel Cuschieri, mill-allegat vittma, u mis-Surġent (PS[redacted]), li kollha konna preżenti fl-istess kamra waqt il-firma.

Illi, skond il-proċedura, il-formola oriġinali tar-rifjut, iffirmata minn kull min hu involut, tiġi skennjata u mbagħad mogħtija lill-Pulizija li rċiviet ir-rapport. Kopja elettronika tal-formola tinżamm ukoll mill-*Risk Assessors*. L-allegat vittma, madankollu, ma tirċevix kopja ta' din il-formola ta' dikjarazzjoni ta' rifjut, biex tiġi żgurata s-sigurtà personali tagħha.

Illi, wara dan il-proċess, jiena, Jodie Baldacchino, flimkien mal-kollega tiegħi, Pavel Cuschieri, għaddejna lis-Sra Ghirxi karta b'kuntatti tas- servizzi li joffru sapport lill-vittmi tal-vjolenza

domestika li setgħu jkunu ta' għajnuna għaliha fil-futur. Jiena, *risk assessor*, Jodie Baldacchino, wkoll għaddejt rakkomandazzjoni biex toqgħod attentissima fejn tpoġġi din il-karta sabiex l-allegat aggressur ma jsibiex, u b'hekk tiżgura aktar s-sigurtà tagħha.

[redacted]

**Jodie Baldacchino**

[redacted]

Illum: 22 t' Awissu 2024

Deher/Dehret: Jodie Baldacchino

I.D./Passaport Nru: [redacted]

Li ħalef/ħalfet/iddikjara/t solennement il-kontenut ta' dan l-att

**Kira Ruggier**
Commissioner for Oaths

Dok A.

APPOGG

Date [illegible] Time [illegible]

The DASH Domestic Violence Risk Assessment tool is an instrument for identifying and assessing victims of domestic abuse, stalking, harassment, and honor-based violence. Designed to evaluate the risk level for victims, it encompasses a comprehensive set of questions that delve into various aspects of the victim's circumstances. By systematically addressing these questions, professionals can effectively identify, assess, and manage the risks faced by victims and serve as a pivotal resource in guiding interventions and ensuring the safety and well-being of those affected by such forms of violence.

**DECLARATION FORM OF NON-CONSENT**

I, Nicolett Ghicki ID number [redacted] am hereby refusing to carry out the DASH Risk Assessment against alleged perpetrator Edward Johnston ID number [redacted] at this date and time, in spite of the recommendation of the GBDV Unit at the Police Headquarters and the Risk Assessors on duty, due to the following reason/s:

I acknowledge that, due to this, professionals within Agenzija Appogg are not able to intervene at this point, but should I change my mind, I am free to return to the Police Headquarters or GBDV Santa Lucija Hub and conduct the Risk Assessment at another time.

Presently I don't think I am at risk. My report is based on insults and harassments. If anything new comes up I will report.

Client Signature

[redacted]

Police Official

[redacted]

Risk Assessor

[redacted]

Risk Assessor

[redacted]